MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 1542/2002

***Direttur tad-Dipartiment tal-Manifattura u Servizzi***

***vs***

***Martin Tabone***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta’ Gunju, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur s-somma ta’ tlieta u sittin lira Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm63.49) rappresentanti danni sofferti mill-Gvern ta’ Malta hekk kif rapprezentat mill-istess attur f’incident stradali li sehh fid-dahla tar-*Refuse Disposal Centre*, il-Marsa nhar l-1 ta’ Awissu 2000, meta l-konvenut bil-vettura tieghu tal-marka Skoda, bin-numru ta’ registrazzjoni FAS 384, baqa’ diehel gewwa vann tal-Gvern ta’ l-ghamla Renault, bin-numru ta’ registrazzjoni GVH-522, ghal liema incident kien jahti unikament il-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 27 ta’ Novembru 2001, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fil-25 ta’ Ottubru 2002, li permezz taghha huwa eccepixxa illi mhuwiex responsabbli ghall-incident stradali mertu tal-kawza, izda huwa l-attur li jahti ghall-istess.

Ra l-kontro-talba tal-konvenut li permezz taghha huwa talab il-kundanna ghal hlas da parti ta’ l-attur tas-somma ta’ Lm329.50, izda ma jindikax ghal liema raguni huwa qieghed jitlob dan l-ammont minn ghand l-attur.

Ra r-risposta ta’ l-attur ghall-istess kontro-talba pprezentata fil-21 ta’ Novembru 2002, illi permezz taghha huwa eccepixxa illi huwa qieghed jichad il-kontro-talba maghmula mill-konvenut bhala nfondata fil-fatt u fid-dritt peress illi huwa bl-ebda mod ma kien responsabbli ghall-incident stradali mertu tal-kawza.

Sema' x-xhieda ta’ l-Inginier Aurelio Attard, Emanuel Pulis, kif ukoll ta’ Martin Tabone.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti, konsistenti f’*survey report* dwar il-hsarat u ricevuti tal-hsarat, kif ukoll *road accident report* li gew immarkati bhala Dokumenti AA1, AA2 u AA3.
Ikkunsidra:

Illi l-incident stradali mertu tal-kawza sehh fid-dahla tar-*Refuse Disposal Centre* gewwa l-Marsa, bejn vettura proprjeta’ tal-Gvern misjuqa minn Emanuel Pulis, impjegat mad-Dipartiment tal-Manifattura u Servizzi u l-vettura misjuqa mill-konvenut.

Emanuel Pulis jikkontendi illi hekk kif wasal vicin il-*gate* tac-Centru, kien waqqaf sabiex jistenna t-traffiku jghaddi sabiex ikun jista’ johrog mic-Centru ghal got-triq. Huwa kien bi hsiebu jikser sabiex imur lejn il-Marsa. Kif kien wieqaf huwa lemah trukk gej mid-direzzjoni tal-Marsa sejjer lejn Hal Qormi u min-naha l-ohra tat-triq ra vettura gejja mid-direzzjoni l-opposta bi *speed* eccessiv. Kif kien

wasal vicin tieghu, ra din il-vettura tirrallenta, izda wara ftit regghet akkumulat l-*ispeed*, kissret u baqghet diehla dritt ghal fuqu. Peress illi huwa kien qieghed fuq *free gear* il-vettura misjuqa minnu immullat madwar sbatax-il pied lura. Il-vettura sofriet hsarat fil-fanal ta' quddiem u fil-*mudguard*, in-naha tas-sewwieq, filwaqt illi l-hsara fil-vettura tal-konvenut kienu fuq il-faccata kollha tal-vettura.

Pulis jishaq illi fil-mument ta' l-incident huwa kien wieqaf jistenna t-trukk ighaddi sabiex johrog u jmur lejn il-Marsa. Huwa kien sporgut ftit 'il barra mill-*gate* sabiex ikun jista jkollu vizwali tat-traffiku li kien gej. Wara l-incident il-konvenut kien qallu li ma kienx rah u ssugerrielu sabiex jammetti t-tort ghall-incident hu u dana peress illi hu ma kellux flus sabiex ihallas ghal hsarat. Pulis ighid illi huwa ma setax jobsor illi l-konvenut kien bi hsiebu jikser halli jidhol gewwa c-Centru u dana peress illi lanqas *indicator* ma kellu mixghul. Huwa jikkontendi illi l-konvenut seta jarah facilment minn fejn kien gej. Dak in-nhar ta' l-incident jidher illi l-*gate* tac-centru kienet nofsha miftuha biss ghaliex ma kenitx qed tahdem sew u ghalhekk l-apertura li kien hemm kienet tippermetti li tghaddi vettura wahda biss.

Il-verzjoni moghtija mill-konvenut hija kemmxejn differenti u dana peress illi huwa jikkontendi illi l-incident sehh kompletament gewwa c-Centru u cioe' wara illi huwa dahal minn gol-*gate*. Huwa jghid illi kif wasal vicin ic-centru, xeghel l-*indicator* u waqqaf u kif ma kienx gej traffiku mid-direzzjoni l-opposta dahal gewwa c-Centru, izda kif ghamel dan sab il-vettura ta' Pulis hierga u baqa diehel dritt ghal go fiha. Huwa jghid illi ma kellux vizwali tajba tat-traffiku hiereg mic-Centru u dana peress illi l-*gate* kienet nofsha miftuha minhabba li kien fiha l-hsara.

Ikkunsidra:

Illi ghalkemm il-verzjonijiet moghtija miz-zewg sewwieqa ma jaqblux fuq id-dinamika ta' l-incident, huwa fatt mhux ikkontestat illi l-vizwali tal-konvenut kienet ostakolata u dana fuq ammissjoni tieghu stess. Il-*gate* tac-Centru kienet bil-hsara u ghalhekk kienet nofsha miftuha tant illi

ma kenitx tippermetti zewg vetturi jghaddu minn hdejn xulxin komodament. Illi ghalhekk ir-responsabbilta’ fuq il-konvenut li jzomm *a proper lookout* kienet wahda ikbar, tenut kont tal-fatt ukoll illi huwa kien jaf illi l-*gate* kienet qed tkun nofsha miftuha stante illi mix-xhieda tieghu jirrizulta illi huwa kien impejgat mad-Dipartiment u ghalhekk dan kien il-post tax-xoghol tieghu.

Illi mill-iskizz maghmul mis-surgent tal-pulizija, l-vetturi jinsabu kompletament gewwa c-Centru. Pulis min-naha tieghu jikkontendi illi mad-daqqa l-vettura tieghu giet spustjata lura peress illi kienet fuq *free gear*, filwaqt illi l-konvenut ighid illi huwa lehaq dahal gewwa c-Centru meta sehhet il-habta.

Illi mill-verzjoni moghtija mill-partijiet lis-surgent tal-pulizija huwa kkonfermat illi l-konvenut ma kienx qieghed jistenna li jsib il-vettura ta’ Pulis ma’ wiccu u dana ghaliex qabad u kiser ghal gewwa c-Centru minghajr ma qaghad attent li jara kenux hergin vetturi jew inkella jekk kenux ghaddejjin xi nies vicin il-*gate* f’dak il-mument. Anke n-natura tal-hsarat timmilita kontra l-konvenut stante illi jidhru li kienu aktar estensivi minn dawk tal-vettura ta’ l-attur, indikazzjoni illi huwa qabad u kiser ghal gewwa c-Centru b’certu *speed*, tant illi l-faccata tal-vettura tieghu garrbet hsarat fit-totalita’ taghha, inkluz il-*bonnet*.

Il-manuvra li kien bi hsiebu jaghmel l-konvenut certament kienet tirrikjedi grad ta’ attenzjoni kbira, fl-ewwel lok, peress illi kien ser jaqsam triq principali u traffikuza u fit-tieni lok peress illi huwa kien ser jidhol gewwa post miftuh ukoll ghat-traffiku u ghan-nies minghajr ma kellu vizwali cara ta’ dak li kien qieghed isehh. Illi ghalhekk il-kawza prossima ta’ l-incident kienet certament il-manuvra maghmula b’nuqqas ta’ kalkolazzjoni mill-konvenut meta huwa kiser sabiex jidhol gewwa r-*Refuse Disposal Centre.*

Illi maghdud dan kollu, t-Tribunal ihoss illi l-verzjoni tal-fatti moghtija minn Emanuel Pulis hija wahda aktar kredibbli u verosimili. Illi l-incident sehh meta l-konvenut li kien gej mid-direzzjoni ta’ Hal Qormi u kien bi hsiebu jidhol ghal goc-Centru, ra trukk gej mid-direzzjoni l-opposta tat-triq u

qabad u kiser malajr minghajr kont, sabiex ifittex jidhol gewwa c-Centru, minflok waqqaf u stenna lit-trukk ighaddi. Ma vverifikax jekk kenux hergin vetturi minn goc-Centru u dana anke meta kellu l-vizwali ostakolata u kien jaf illi l-*gate* kienet qed tkun nofsha miftuha. Hekk kif ghamel din il-manuvra ghalhekk sab il-vettura ta' Pulis hierga mic-Centru ma' wiccu u sehhet il-kollizzjoni.

Rigward il-*quantum* tad-danni reklamati mill-attur, ma jidhirx illi dawn gew ikkontestati mill-konvenut.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghll-incident stradali mertu tal-kawza u jghaddi sabiex filwaqt li jichad l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut, kif ukoll l-kontro-talba tieghu, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta' tlieta u sittin lira Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm63.49), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-kontro-talba proposta mill-konvenut, kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficjali tas-27 ta' Novembru 2001 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------